# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2022

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għall-Insara li qed jiffaċċjaw sfidi bioetiċi ġodda sabiex ikomplu jiddefendu d-dinjità tal-ħajja umana kemm bit-talb u kemm bl-azzjoni.**

**Ninġabar:**

Inpoġġi bilqiegħda u noqgħod bi kwieti nisma' l-ħsejjes ta' madwari. Ftit ftit nitbiegħed minn dawn il-ħsejjes u nibda nagħti kas iżjed tas-silenzju li hemm fija. Nistrieħ ftit f'din il-paċi li ksibt. Meta nħossni komda, naqra ftit dan il-fatt ċkejken.

**Fatt ċkejken:**




Romina kienet tmur tara lil ommha fid-dar tal-anzjani kuljum. Ommha kienet tapprezza l-preżenza tagħha waqt li hi xtaqet tgawdi lil ommha kemm jista' jkun. Dan l-aħħar innutat li l-infermiera kienu qed ikunu mħabbtin wisq. "Għandek raġun!" qaltilha il-kap tas-sala meta ikkummentat dwar dan. "Xi ġimgħat ilu rriżenjaw xi ħaddiema u sibnieha diffiċli ndaħħlu nies ġodda. Donnu hawn inqas nies li jixtiequ jagħmlu dan ix-xogħol!" kompliet dik. Romina kienet tirrifletti ħafna dwar dan. Filwaqt li l-għadd tal-anzjani qiegħed dejjem jiżdied, in-nies li huma ta' eta' iżgħar li jridu jaħdmu f'dan is-settur kulma jmur qed jonqos. Tgħid meta tkun anzjana hi, ser ikun hemm min jieħu ħsiebha?

Darba kienet qrat li għandu mnejn jibda jkun hemm robots minflok infermiera fid-djar tal-anzjani. L-idea ma tantx kienet laqtitha. L-għożża li toffri persuna difficli jeħodilha postha robot! Però, soluzzjoni oħra li kienet qed tiġi żviluppata fil-Ġappun iktar kienet tirrispetta d-dinjità tal-anzjan u tal-ħaddiem. Din kienet tikkonċerna l-iżvilupp ta' apparat li jintlibes mill-ħaddiem sabiex jgħinuh iqandel. Din it-teknoloġija setgħet tgħin sabiex ix-xogħol tal-care worker isir inqas ta' tbatija mingħajr ma jelimina l-irwol essenzjali tal-caregiver. Il-ħaddiema jkunu iktar effiċjenti u x-xeħta teknologika tħajjar iktar żgħażagħ jidħlu għal dan ix-xogħol. Verament it-teknoloġija tista' tgħinna negħlbu ċertu sfidi li se niltaqgħu magħhom fil-futur jekk nagħrfu nużawha tajjeb, ħasbet Romina. Użu tajjeb tat-teknoloġija jista' jgħin sabiex minkejja sfidi ġodda li jġibu ż-żminijiet, id-dinjità umana tkun dejjem imħarsa u rrispettata mill-bidu sat-tmiem tagħha.

**Naħseb ftit:**

Teknoloġiji ġodda ipoġġulna sfidi bioetiċi ġodda. Ċerti soluzzjonijiet huma ta' sfida għad-dinjità umana filwaqt li oħrajn jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi sabiex id-dinjità tal-bniedem tibqa' dejjem fiċ-ċentru tal-professjoni tal-caregiver. Bħala Nsara, kemm nagħtu importanza lid-dinjità tal-bniedem meta nirriflettu dwar dawn il-proċeduri?

**Nitlob:**

Nitolbu għall-Insara sabiex quddiem deċiżjonijiet kumplessi ta' natura bioetika jagħżlu li jagħtu prijorità lid-dinjità tal-persuna, minkejja l-pressjoni li tiġi minn ħafna bnadi.

**Kliem ta' dawl:**

It-teknoloġija qed tavvanza kontinwament, però kemm ikun aħjar jekk it-tkabbir fl-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika jagħti aktar każ tal-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali. *Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Ninforma ruħi fuq kwistjonijiet bioetiċi billi nfittex informazzjoni minn sorsi ta' min jafdahom u nieħu sehem attiv fid-diskussjonijiet, biex nagħti vuċi lil min m'għandux u niddefendi l-ħajja umana mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha.